National Book Council
Kumpless Bice Mizzi Vassallo
Triq Arnhem
Pembroke PBK1776
Malta EU

+356 27131574
matthew.borg@ktieb.org.mt

L-ewwel Laqgħa ta' Konsultazzjoni mal-Pubblikaturi saret nhar il-Ħamis 26 ta' Jannar 2023, il-lukanda Victoria mid-9am sal-11am.

Preżenti għall-pubblikaturi: Clive Perini (Miller/Agenda), Chris Gruppetta (Merlin Publishers), David Bezzina u Maryanne Vella (Horizons), Godwin Vella (Heritage Malta), Joseph Mizzi (Klabb Kotba Maltin/Midsea Books), Oliver Gatt (BDL), Christopher Azzopardi (Wise Owl), Joanne Micallef (Faraxa), Chris Giordano (Fondazzjoni Sagħtar), Andrew Borg (Deer Publications), Dunstan Hamilton (awtopubblikatur), Mary Attard (awtopubblikatriċi)

Preżenti għall-KNK: Mark Camilleri (Kap Eżekuttiv), Matthew Borg (Segretarju tal-Bord), Simona Cassano, Michael Mercieca Daniela Said, Jean Paul Borg, Ruth Calleja (Noċemuskata).

L-Aġenda

- Qari tal-aġenda tal-aħħar laqgħa u x'sar
- Dati ewlenin tal-fondi u l-konkorsi tal-KNK
- Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb - diskussjoni u suġġerimenti
- Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb - diskussjoni u suġġerimenti
- Sondaġġ mal-NSO dwar il-qagħda tal-industrija tal-pubblikazzjoni f'Malta

Il-Minuti

1. Qari tal-aġenda tal-aħħar laqgħa u x'sar

**MB** tkellem dwar ix-xogħol li sar mill-KNK fl-aħħar sena, liema xogħol twettaq fuq suġġerimenti mill-aħħar laqgħa tal-bord. Fosthom:

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb

Reġa' nżamm l-MFCC u l-pjan hu li jibqa' jsir hemmhekk

Ħloqna kamra apposta sabiex takkomoda persuni bl-awtiżmu

Spazju aħjar għall-kittieba awtoppubblikati - l-istands tagħhom iddaħħlu bejn l-istands il-kbar u ma Kinux f'sezzjoni għalihom

Id-dati tal-Festival imxew sabiex ikunu wara l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb

Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb

Iċ-ċerimonja saret qabel il-Festival sabiex il-publikaturi u l-awturi jkunu jistgħu jippromwovuhom waqt il-Festival

Il-kategorija li qabel kien jisimha 13-16 issa saru Letteratura għaż-Żgħażagħ sabiex ikun promoss dan il-ġeneru

Iċ-ċerimonja mxiet lejn imkien li m'għandux rabtiet politiċi - MUŻA

Il-Fond Malti tal-Ktieb

Iddaħħlu żewġ kategoriji ġodda: ir-ripubblikazzjoni ta' kotba mhux fl-istampa u t-traduzzjoni ta' silta minn ktieb bħala pitch (għodda utli għal meta awtur jew il-knk ikun qed jippromwovi l-letteratura Maltija barra minn Malta, kif ukoll id-daħħal ċerti standards ta' kif tersaq lejn pubblikatur bix-xogħol tradott

ISBN

Wara li sar l-ewwel sondaġġ mal-NSO dwar l-industrija tal-pubblikazzjoni, in-dunajna li ma konniex qed naqbdu kemm ISBNs jinħarġu li eventwalment jissar-rfu f'xogħol ippubblikat.

Inħolqot formola tal-ISBN awtomatizzata li, fost l-oħrajn, tgħin lill-KNK jiġbor din it-tip ta' informazzjoni.

Din għenet ukoll lill-KNK jikkomunika aħjar mal-aġenzija internazzjonali tal-ISBN, li fl-2018 konna lqajniehom Malta, għaliex b'formola awtomatizzata nist-għu naġġornaw id-database kull kwart tas-sena.

Kull ISBN issa qed ikollu miegħu data, tal-inqas tentattiva, tal-pubblikazzjoni. Qabel kienu jinħarġu l-ISBNs iżda ma kienx hemm l-irbit tal-pubblikazzjoni.

Is-sondaġġ tal-NSO wriena wkoll kemm hawn attività f'dak li għandu x'jaqsam mal-awtopubblikazzjoni (is-self publishing).

Taxxa fuq id-dħul mid-drittijiet

Fl-2022 komplejna nippressaw lill-awtoritajiet, u rnexxielna nnaqqsu bin-nofs ir-rata tat-taxxa fuq id-dħul mid-drittijiet tal-awtur għal 7.5%.

Il-KNK se jkompli jippressa sabiex din tinżel għal zero. Nemmnu li dan jgħin lill-awturi u jżidilhom fid-dħul tagħhom bħala kittieba, kif ukoll ikun pass eqreb lejn aktar rispett lejn xogħol il-kittieb bħala professjonist li ħaqqu jitħallas bħal kull professjonist ieħor tax-xogħol tiegħu. Indirettament tgħin ukoll fil-professjonal-

izzazzjoni tal-irwol tal-kittieba u l-pubblikaturi, għaliex dħul minn drittijiet jiġi meta hemm kuntratt li jistipula dawn id-drittijiet.

Nemmnu li taxxa zero hija għan li jista' jintlaħaq, meta tqis li t-tnaqqis fid-dħul lill-Gvern huwa minimu, iżda l-imbuttatura lill-kittieba tisboq it-tnaqqis imsemmi.

2. Dati ewlenin tal-fondi u l-konkorsi tal-KNK

**MC** qal li d-dati li hemm imniżżlin fuq il-karta li tqassmet lill-pubblikaturi mhumiex definittivi, l-aktar tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Qal li sa issa kien qed ikun hemm daż-żewġ avvenimenti kbart fl-istess xahar, u li hija biċċa xogħol kbira għat-tim.

Rigward il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus, li se jsir bejn l-Erbgħa 22 u l-Ġimgħa 24 ta' Marzu, ħeġġeġ lill-pubblikaturi biex japplikaw. Irrimarka li dis-sena mhux se jkun hemm mistieden barrani, iżda l-fok se jkun fuq it-talent lokali u r-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2022. Tkellem ukoll dwar l-idea li jkollna esebizzjoni dwar il-mużika u l-letteratura Maltija.

Rigward il-London Book Fair, **MC** stieden lill-pubblikaturi sabiex jekk se jkunu hemmhekk, jistgħu jagħmlu l-laqgħat professjonali tagħhom fuq l-istand tal-KNK.

3. Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb - diskussjoni u suġġerimenti

**MC** beda billi tkellem dwar il-punti ewlenin mill-edizzjoni tal-2022, imbagħad fetaħ għall-kummenti.

**JM** sostna li d-dati kif dehru fuq il-karta mhumiex tajbin. Qal li kif inhuma, il-Festival jiġi wara l-Black Friday u allura s-saħħa tal-infiq tan-nies tkun baxxa. Qal li fl-aħħar ta' Novembru jew il-bidu ta' Diċembru mhumiex tajbin. **JM** issuġġerixxa li l-Festival isir fl-aħħar ġimgħa ta' Ottubru - in-nies tkun qed tirċievi l-paga u dati prattiċi għall-pubblikaturi u għall-pubbliku.

**JM** staqsa wkoll għandux il-Festival jiqsar, ngħidu aħna jsir mill-Ħamis sal-Ħadd. Qal ukoll li l-Ħadd m'hemmx għalfejn niftħu kmieni.

Dwar l-inħawi, qal li mit-tinda 'l ġewwa kollox sewwa, iżda barra le. M'hemmx sinjali, dawl, u toroq imkissrin. Sostna li għandu jkun hemm sinjali li juru li se tiġri xi ħaġa.

**MC** wieġeb li ltaqa' ma' Stefan Zrinzo Azzopardi, u dan qallu li sa dis-sena kellha titranġa s-sitwazzjoni f'Ta' Qali.

**JM** dwar l-avvenimenti qal li hemm wisq, u li dawn ixekklu mill-bejgħ tal-kotba. **MC** wieġbu li minn dis-sena 'l hemm l-attivitajiet se jkunu inqas, ngħidu aħna jekk ikun hemm attività tal-KNK, waqtha ma jseħħux oħrajn.

**JM** staqsa jekk għandux ikun hemm stazzjon tar-radju li jxandar numru ta' sigħat apposta dwar il-Festival f'dik il-ġimgħa, simili għall-Campus FM.

Dwar il-London Book Fair, JM qal li għandu jkun hemm sforz sabiex jiġu es-portati wkoll il-kotba tal-Melitensia. Sostna li ktieb tal-Melitensia tbigħu aktar minn ktieb tal-finzjoni.

**OG** qal li huwa favur li l-Festival isir fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru għax il-paga tgħallem ħafna u għax f'Ottubru jkun hemm skoss fieri għall-iskejjel.

Issuġġerixxa li jsiru banners fit-toroq fir-Rabat u l-Mosta ġimgħa qabel il-Festi-val. Ikun hemm it-traffiku u l-iskejjel jarawhom. Qal li ma kienx hemm riklamar tal-avveniment u ma ra xejn fil-mezzi soċjali. Sostna li ma tagħmilx sens li l-pubblikatur jinvesti fir-riklamar imma l-organizzatur le.

**OG** tkellem ukoll dwar l-inċident tal-istand tiegħu, li waqgħet waqt li kienu qed jarmawha bil-kotba. Qal li tkellem mal-fornitur tal-istands, Zaffarese, iżda skon-tu dan ipprova jfarfar. Irrimarka li stand tal-kotba għandha tiflaħ il-kotba.

Issuġġerixxa li l-Festival il-Ħadd jagħlaq fis-6pm.

**MC** qal li l-KNK beda jaħdem ma' Noċemuskata minn Awwissu li għadda, li hija kumpanija tal-marketing. Qal li għalhekk jista' jkun li l-marketing tal-Festival beda tard. Enfasizza li dis-sena x-xogħol se jibda qabel.

**OG** staqsa kemm intefqu flus fuq marketing. MC ma tahx iċ-ċifra, iżda qal li hemm kollox awditjat fir-rapport annwali.

**JM** issuġġerixxa li l-baġit tal-marketing ikun rivedut.

**MC** qal li jekk il-Festival isir fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru, ikun ifisser li l-Er-bgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa ma jkunx hemm tfal tal-iskola.

**MV** qalet li jagħmel aktar sens li l-Festival ikun eqreb lejn iż-żmien sajfi minħab-ba t-temp. Sostniet li l-kunsens tal-pubbkikaturi hu li l-Festival ma jsirx lejn Diċembru.

Il-pubblikaturi qablu li l-Festival isir mill-25 sad-29 t'Ottubru.

**MC** qal li l-MFCC jsiru ħafna avvenimenti, fosthom is-Sigma li ma tiċċaqlaqx. L-ewwel ġimgħa ta' Novembru mhux Tajjeb għax ikunu qed jarmaw.

**CG** issuġġerixxa li ssir qabel Sigma. MC wieġbu li Sigma jdumu biex jarmaw u jżarmaw, tant li s-sena l-oħra kienu għadhom qed iżarmaw fil-ħin li suppost il-KNK kien skedat li jibda jarma.

**MC** qal li dis-sena l-fond tal-Festival tnaqqas b'50elf, u rrimarka li l-KNK irid jaħdem f'dal-kuntest ta' tnaqqis baġitarju.

**MarkV** semma l-possibiltà li l-Festival u l-Comicon isiru flimkien għax hemm ħaġa komuni: nies li jħobbu l-qari. Il-problema tkun lu Comicon bil-flus biex tidħol.

**GV** issuġġerixxa li l-Festival isir lejn l-aħħar t'Ottubru. Qal li qed ninsew im-sieħeb importanti f'dawn id-deċiżjonijiet - l-istampaturi. Sostna li meta l-pubb-

likaturi jmorru għand l-istampatur fl-aħħar ta' Novembru, dawn ikunu mimlijin bix-xogħol tal-Milied. Għandna nimxu 'l hinn mill-Milied.

**GV** rrefera għall-vaganzi tal-midterms fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru. Issuġġerixxa li l-vawċers jingħataw lill-familji, sabiex iħeġġuhom joħorġu bit-tfal lejn il-Festival.

Issuġġerixxa wkoll li l-vawċers jinħarġu biss għal kotba b'ISBN lokali.

**CP** qal li suġġeriment bħal dak huwa diskriminattiv.

**MarkV** wieġbu li din kwistjoni ta' sconomies of scale. Proposta bħal ta' GV tinċentiva lill-ktieb Malti u l-profitti tal-kumpaniji Maltin. Qal li din hi parti mill-interessi tal-KNK.

**GV** tkellem ukoll fuq l-importanza ta' sinjali diċenti fit-toroq.

**SC** qalet li jekk nikkonfermaw id-dati ta' Ottubru għall-Festival, il-Premju jkollu jiġi wara.

<u>4. Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb - diskussjoni u suġġerimenti</u>

**GV** issuġġerixxa li l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb jibda jinżamm fis-Sala tat-Tron fil-Palazz tal-Granmastru, u jsir taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta.

Tkellem ukoll dwar il-kategoriji, u qal li dawn għandhom ikunu riveduti. Ippropona li jitwessgħu sabiex jirriflettu r-realtà tas-suq tal-pubblikazzjoni. Qal li l-kategorija tar-riċerka bijografika u storjografika trid tinfired. Qal li m'hemmx kategorija għal produzzjonijiet marbuta mat-turiżmu, kotba ta' fotografija, kotba tal-iskola, programmi tal-festi.

**CA** qal li hemm awturi meqjusa tat-tieni klassi għax qatt ma jirbħu l-premju, lanqas it-tieni post. Qal li hu, għalkemm jiġi minn ta' quddiem fis-self tal-kotba, qatt ma rebaħ premju u qatt ma ġie kkunsidrat għall-Premju għall-Aħjar Awtur Emerġenti.

**GV** ssuġġerixxa li jkun hemm premji li l-ispejjeż monetarji tagħhom jinqasmu ma' entitajiet oħra li jkun jinteressahom jisponsorizzaw il-Premju.

<u>5. Sondaġġ mal-NSO dwar il-qagħda tal-industrija tal-pubblikazzjoni f'Malta</u>

**MC** ta rendikont tal-laqgħat li kellu mal-Ministru tal-Edukazzjoni u s-Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess Ministeru dwar is-sitwazzjoni tal-prezz tal-karta u kif qed taffettwa ħażin lill-pubblikaturi.

Semma l-laqgħa li ftit jiem qabel il-Bord tal-KNK kellu mas-Seg. Perm. Dwar il-kwistjoni, u kif dan issuġġerixxa studju fit-tul u komprensiv dwar l-industrija tal-pubblikazzjoni f'Malta. **MC** rrimarka li t-tir hu li minn studju bħal dan tinħareġ strateġija għall-industrija.

Żied jgħid li studju bħal dan ikollu relevanza politika, u li l-għodda għandha tkun l-NSO. Talab li kull pubblikatur jagħti sehmu għas-sondaġġ, li fih jista' jkun hemm mistoqsijiet li jirrelataw mal-prezz tal-karta fl-ispiża totali ta' ktieb, u kemm mill-prezz tal-bejgħ qed imur fi spejjeż għall-karta.

**MB** fiehem li s-sondaġġ tal-NSO jaf ikun għodda tajba ħafna sabiex inġibu numri uffiċjali dwar id-diffikultajiet kbar li ż-żieda fil-prezz tal-karta tefgħet fuqmil-pubblikaturi, u fl-istess ħin isir f'qasir żmien - xahrejn l-aktar. Mill-banda l-oħra, studju komprensiv dwar l-industrija jieħu aktar żmien, u li, filwaqt li l-KNK lest li jimbarka fuq studju hekk, iż-żmien ma jkunx favur l-industrija.

Għalhekk issuġġerixxa li s-sondaġġ u l-istudju jsiru paralleli ma' xulxin, u li eventwalment is-sondaġġ dwar il-prezz tal-karta jkun kapitlu wieħed minn oħra-jn li jiffurmaw l-eventwali studju.

**DB** esprima r-rabja tiegħu li wara tant xhur il-Gvern għadu ma ħax deċiżjoni dwar sussidju lill-qasam tal-pubblikazzjoni minħabba l-prezz tal-karta. Enfasizza li din qabelxejn mhijiex deċiżjoni ta' baġit, iżda deċiżjoni politika. Sostna li l-Gvern jaf x'inhu l-prezz tal-karta, u m'hemmx għalfejn il-pubblikaturi jiġu misto-qsija dwar dan.

**DB** qal li bil-prezz tal-karta kif inhu bħalissa, rumanz ikollok toħorġu b'25ewro, inkella taħdem għalxejn.

**JM** issekonda lil **DB**, u qal li l-prezz tal-karta jinbidel minn ħin għal ieħor, u fl-istess ħin il-bejgħ naqas drastikament.

Semma kif xi pubblikaturi bejniethom ħarġu statistika li turi dan. Qal ukoll li għandu xi ċifri minn Gutenberg Press.

**CP** semma anki ż-żieda fil-prezz tat-trasport bil-baħar jew l-ajru. Qal li anki issa li l-prezz naqas, xorta l-karta baqgħet għolja.

**JM** qal li s-suq lokali għandu anomalija: il-letteratura Ingliża tikkompeti diretta-ment mal-kotba bil-Malti f'Malta. Innota li f'pajjiżi oħra mhux hekk, għax f'dal-pajjiżi ma jkollokxil-lingwa impurtata tikkompeti b'dal-mod mal-lingwa nattiva.

**SC** qalet li qabel mal-KNK ħa l-inizjattiva li s-sondaġġ tal-NSO jibda jsir kif sup-post, kienu jintbagħtu ċifri lill-World Intellectual Property Organisation (WIPO) li ma kinux veritiera. Sostniet li fl-2019 il-KNK ħa d-deċiżjoni li jibda l-proċess biex jibda jinħareġ sondaġġ b'mod frekwenti dwar l-industrija tal-pubblikazzjoni, u żiedet tgħid li, filwaqt li l-KNK miftuħ għal suġġerimenti ta' kif is-sondaġġ jista' jitjieb, jekk il-pubblikaturi ma jwiġbux is-sondaġġ mela ċ-ċifri minn Malta se juru zero.

**MarkV** talab li ssir diskussjoni mal-NSO, u li jekk jiġi maqbul li dan is-sondaġġ tal-NSO mhuwiex daqshekk relevanti għall-pubblikaturi, mela l-KNK għandu joħloq wieħed tiegħu li jkollu mistoqsijiet relevanti u jagħmel sondaġġ hu mal-imsieħba fl-industrija. Qal ukoll li sondaġġ bħal tal-NSO, li jibbaża fuq il-misto-qsijiet tal-WIPO, jaf ma jkunx tajjeb għal Malta għax ma jistax ikollok qafas wieħed li jgħodd għal kulħadd.

CG qajjem punt dwar ix-xogħol leġislattiv tal-KNK, u fakkar li l-KNK ma kienx qed jiġġieled biss sabiex it-taxxa fuq id-dħul mid-drittijiet tal-awtur tonqos u tispiċċa, iżda li l-pubblikaturi jkollhom tax credit ta’ 200% tal-istess ammont. Qal li mingħajr din it-tax credit il-pubblikaturi ma jkollhomx l-inċentiv li jħallsu d-drittijiet, u allura l-proposta għall-awturi tkun waħda fl-arja.

Il-laqgħa annwali ta’ konsultazzjoni mal-pubblikaturi spiċċat hawnhekk.